SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

3 ta' Mejju 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 267 TFUE – Kunċett ta' 'qorti' – Kriterji strutturali u funzjonali – Eżerċizzju ta' funzjonijiet ġudizzjarji jew amministrattivi – Direttiva 2012/34/UE – Artikoli 55 u 56 – Korp regolatorju nazzjonali uniku tas-settur ferrovjarju – Awtorità ta' superviżjoni settorjali indipendenti – Awtorizzazzjoni sabiex taġixxi *ex officio* – Setgħa ta' sanzjoni – Deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' azzjoni ġudizzjarja – Inammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari"

Fil-Kawża C-453/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess jum, fil-proċedura

CityRail, a.s.

vs

Správa železnic, státní organizace,

fil-preżenza ta':

ČD Cargo, a.s.,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, A. Arabadjiev, A. Prechal, K. Jürimäe u S. Rodin, Presidenti ta' Awla, M. Ilešič, J.-C. Bonichot (Relatur), T. Von Danwitz, M. Safjan, D. Gratsias, M. L. Arastey Sahún, M. Gavalec, Z. Csehi u O. Spineanu-Matei, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal CityRail, a.s., minn J. Hruška,

– għal Správa železnic, státní organizace, minn J. Svoboda,

– għal ČD Cargo, a.s., minn T. Tóth u Z. Škvařil,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

– għall-Gvern Spanjol, minn L. Aguilera Ruiz, bħala aġent,

– għall-Gvern Olandiż, inizjalment minn M. K. Bulterman u M. Noort, bħala aġenti, sussegwentement minn M. K. Bulterman, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn J. Hradil u C. Vrignon, bħala aġenti, sussegwentement minn J. Hradil, bħala aġent,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 288 TFUE u tal-Artikoli 3, 27 u 31 tad-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU 2012, L 343, p. 32, rettifiki fil-ĠU 2015, L 196, p. 67 u fil-ĠU 2015, L 67, p. 32), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2016/2370 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 (ĠU 2016, L 352, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2012/34"), kif ukoll tal-Annessi I, II u IV tagħha.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn CityRail, a.s., impriża ferrovjarja, u Správa železnic, státní organizace (iktar 'il quddiem "Správa železnic"), ġestjonarju tal-infrastruttura ferrovjarja fir-Repubblika Ċeka, dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti minn Správa železnic għall-aċċess għan-network u għal ċerti faċilitajiet relatati.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessa 76 tad-Direttiva 2012/34 tipprovdi:

"L-immaniġġjar effiċjenti u ġust u l-użu nondiskriminatorju tal-infrastruttura ferrovjarja jeħtieġu l-istabbiliment ta' korp regolatorju li jissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva li jaġixxi bħala korp ta' appell, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' analiżi ġudizzjarja. Tali korp regolatorju għandu jkun jista' jinforza t-talbiet tiegħu għal informazzjoni u d-deċiżjonijiet tiegħu permezz ta' penali amministrattivi adatti."

4 L-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, bit-titolu "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'impriża ferrovjarja' tfisser impriża pubblika jew privata liċenzjata skont din id-Direttiva, li n-negozju ewlieni tagħha huwa li tipprovdi servizzi għat-trasport ta' oġġetti u/jew ta' passiġġieri bil-ferrovija […];

(2) 'maniġer tal-infrastruttura' tfisser kwalunkwe korp jew ditta responsabbli għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u t-tiġdid ta' infrastruttura ferrovjarja fuq netwerk, kif ukoll responsabbli għall-parteċipazzjoni fl-iżvilupp tagħha […]

[…]

(3) 'infrastruttura ferrovjarja' tfisser, l-elementi kollha elenkati fl-Anness I;

[…]

(11) 'faċilità ta' servizz' tfisser l-installazzjoni, inkluż l-art, il-bini u t-tagħmir, li ġiet maħsuba apposta, kompletament jew parzjalment, biex ikunu jistgħu jingħataw servizz wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fil-punti (2) sa (4) tal-Anness II;

[…]

(19) 'applikant' tfisser impriża ferrovjarja […] b'interess tas-servizz pubbliku jew b'interess kummerċjali fil-forniment tal-kapaċità tal-infrastuttura;

[…]

(26) 'dikjarazzjoni dwar in-netwerk' tfisser id-dikjarazzjoni li tistabbilixxi fid-dettall ir-regoli ġenerali, it-termini, il-proċeduri u l-kriterji għall-iskemi ta' tqegħid ta' piżijiet u tal-allokazzjoni tal-kapaċità inkluża l-informazzjoni l-oħra bħal din li hi meħtieġa biex tippermetti l-applikazzjonijiet għall-kapaċità tal-infrastruttura;

[…]"

5 L-Artikolu 55 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Korp regolatorju", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi korp regolatorju nazzjonali wieħed għas-settur ferrovjarju. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, dan il-korp għandu jkun awtorità indipendenti li, f'termini organizzattivi, funzjonali, ġerarkiċi u ta' teħid ta' deċiżjoni, hija legalment distinta u indipendenti minn kull entità pubblika jew privata oħra. Il-korp għandu jkun ukoll indipendenti fl-organizzazzjoni tiegħu, fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar il-finanzjament, fl-istruttura legali u fit-teħid tad-deċiżjonijiet minn kull maniġer, korp tat-tqegħid tal-imposti, korp tal- allokazzjoni jew minn kull applikant. Barra minn hekk, għandu jkun indipendenti funzjonalment minn kwalunkwe awtorità kompetenti involuta fl-għotja ta' kuntratt ta' servizz pubbliku."

6 L-Artikolu 56 tal-istess direttiva, bit-titolu “Funzjonijiet tal-korp regolatorju”, jipprevedi:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 46(6), applikant għandu jkollu d-dritt li jappella lill-korp regolatorju jekk jemmen li ma ġiex ittrattat b’mod ekwu, saret diskriminazzjoni kontrih jew saritlu offża bi kwalunkwe mod ieħor, u b’mod partikolari kontra deċiżjonijiet adottati mill-maniġer tal-infrastruttura jew fejn hu xieraq, mill-impriża ferrovjarja jew mill-operatur ta’ faċilita tas-servizz dwar:

(a) id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fil-verżjonijiet proviżorji u finali tagħha;

[…]

(j) konformità mar-rekwiżiti, inklużi dawk dwar konflitti ta’ interess, stabbiliti fl-Artikolu 2(13) u l-Artikoli 7, 7a, 7b, 7c, u 7d.

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni […], il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa li jissorvelja s-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji, inkluż b’mod partikolari s-suq għal servizzi għall-passiġġieri b’veloċità għolja, u l-attivitajiet tal-maniġers tal-infrastruttura fir-rigward tal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1. B’mod partikolari, il-korp regolatorju għandu jivverifika li hemm konformità mal-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1 fuq l-inizjattiva tiegħu stess u bil-ħsieb li jevita d-diskriminazzjoni kontra l-applikanti. Għandu, b’mod partikolari, jiċċekkja jekk id-dikjarazzjoni dwar in-netwerk fihiex klawżoli diskriminatorji jew jekk toħloqx setgħat diskrezzjonali għall-maniġer tal-infrastruttura li jistgħu jintużaw biex issir diskriminazzjoni kontra l-applikanti.

[…]

6. Il-korp regolatorju għandu jiżgura li l-imposti stabbiliti mill-maniġer tal-infrastruttura jikkonformaw mat-Taqsima 2 tal-Kapitolu IV u li dawn huma nondiskriminatorji. In-negozjati bejn l-applikanti u l-maniġer tal-infrastruttura dwar il-livell tal-imposti infrastrutturali għandhom jiġu permessi biss jekk dawn isiru taħt is-superviżjoni tal-korp regolatorju. Il-korp regolatorju għandu jintervjeni jekk in-negozjati potenzjalment jiksrux r-rekwiżiti ta’ dan il-Kapitolu.

[…]

8. Il-korp regolatorju għandu jkollu s-setgħa jitlob l-informazzjoni rilevanti mingħand il-maniġer tal-infrastruttura, l-applikanti u kull parti terza fl-Istat Membru kkonċernat.

[…] Il-bord regolatorju għandu jkun jista’ jinforza talbiet bħal dawn bil-pieni xierqa, inkluż permezz tal-multi. […]

9. Il-korp regolatorju għandu jikkunsidra kull ilment u, kif jixraq, għandu jitlob tagħrif relevanti u jagħti bidu għal konsultazzjonijiet mal-partijiet relevanti kollha, fi żmien xahar minn meta jkun irċieva l-ilment. Huwa għandu jiddeċiedi fuq kull ilment u jieħu azzjoni biex jirrimedja s-sitwazzjoni u jgħarraf lill-partijiet relevanti bid-deċiżjoni motivata tiegħu […] Mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali […], il-korp regolatorju għandu, fejn xieraq, jiddeċiedi fuq l-inizjattiva tiegħu stess dwar miżuri xierqa biex jitranġaw il-każijiet ta’ diskriminazzjoni kontra l-applikanti, id-distorsjonijiet tas-suq u kwalunkwe żvilupp

ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq, b'mod partikolari b'referenza għall-punti (a) sa (j) tal-paragrafu 1."

Deċiżjoni tal-korp regolatorju għandha tkun torbot lill-partijiet kollha koperti minn dik id-deċiżjoni, u ma għandhiex tkun suġġetta għall-kontroll ta' istanza amministrattiva oħra. Il-bord regolatorju għandu jkun jista' jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu bil-pieni xierqa, inkluż permezz tal-multi.

[…]

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-korp regolatorju jkunu suġġetti għal analiżi ġudizzjarja. L-appell jista' jkollu effett ta' sospensjoni fuq id-deċiżjoni tal-korp regolatorju biss meta d-dħul fis-seħħ immedjat tad-deċiżjoni tal-korp regolatorju jista' jikkawża danni irreparabbli jew evidentement eċċessivi għal min ikun qed jappella. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-qorti li tkun qed tisma' l-appell kif mogħti lilha mil-liġi kostituzzjonali applikabbli.

[…]"

Id-dritt Ċek

7 Skont l-Artikolu 2(15) taż-zákon č. 2/1969 Sb., o zřízení ministerstev a jiných ústředních orgánů státní správy [České republiky] (il-Liġi 2/1969 dwar l-Organizzazzjoni tal-Ministeri u Awtoritajiet Ċentrali Oħra tal-Amministrazzjoni tal-Istat tar-[Repubblika Ċeka]):

"Fir-Repubblika Ċeka, l-awtoritajiet ċentrali tal-amministrazzjoni tal-Istat huma dawn li ġejjin: […] 15. l-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře [(il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport)]."

8 L-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport, ir-Repubblika Ċeka, iktar 'il quddiem il-"Korp Regolatorju") twaqqaf permezz taż-zákon č. 320/2016 Sb., o Úřadu pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Liġi Nru 320/2016 dwar il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport, iktar 'il quddiem il "Liġi dwar il-Korp Regolatorju").

9 Skont l-Artikolu 3(2) tal-Liġi dwar il-Korp Regolatorju, "fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu, il-Korp Regolatorju huwa indipendenti, huwa għandu jaġixxi b'mod imparzjali u għandu jkun suġġett biss għal-liġijiet u għal dispożizzjonijiet legali oħra".

10 L-Artikolu 4 ta' din il-liġi jipprevedi l-kundizzjonijiet għall-ħatra, fil-forma ta' mandat li jiġġedded ta' sitt snin, tal-President tal-Korp Regolatorju, regoli dwar l-inkompatibbiltà kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom dan jista' jiġi rrevokat.

11 L-Artikoli 71 sa 75, 77, 80, 81 u 85 taż-zákon č. 234/2014 Sb., o státní službě (il-Liġi Nru 234/2014 dwar is-Servizz Pubbliku) jinkludu dispożizzjonijiet differenti, applikabbli għall-membri tal-persunal tal-Korp Regolatorju, intiżi li jiżguraw l-imparzjalità tagħhom. Skont l-Artikolu 11(5) ta' din il-liġi, dawn il-membri tal-persunal ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal adottati mill-Viċi Ministru responsabbli mis-servizz pubbliku.

12 Il-Korp Regolatorju jieħu deċiżjonijiet vinkolanti abbażi taż-zákon č. 266/1994 Sb., o dráhách (il-Liġi Nru 266/1994 dwar il-Linji tal-Ferrovija u t-Trasport bil-Kejbil, iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija”) u abbażi tar-regoli ġenerali tal-proċedura amministrattiva li jirriżultaw miż-zákon č. 500/2004 Sb., správní řád (il-Liġi Nru 500/2004 li Tistabbilixxi Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva”).

13 L-Artikolu 67(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva jipprovdi:

“Permezz ta’ deċiżjoni, l-awtorità amministrattiva għandha, f’każ partikolari, timponi, temenda jew tannulla d-drittijiet jew l-obbligi tal-persuna maħtura b’isimha jew, f’każ partikolari, tiddikjara li tali persuna għandha, jew ma għandhiex, drittijiet jew obbligi jew, fil-każijiet previsti mil-liġi, tiddeċiedi fuq kwistjonijiet proċedurali.”

14 Skont l-Artikolu 73(2) ta’ dan il-kodiċi, “id-deċiżjoni finali għandha tkun vinkolanti fir-rigward tal-partijiet u tal-awtoritajiet amministrattivi kollha”.

15 L-Artikoli 152 u 153 tal-imsemmi kodiċi jirregolaw il-proċedura ta’ tressiq ta’ lment kontra d-deċiżjonijiet tal-Korp Regolatorju, quddiem il-President ta’ dan tal-aħħar.

16 Hekk kif jirriżulta minn tweġiba tal-Korp Regolatorju għal talba għal informazzjoni li saritlu mill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikoli 23c, 23d, 34d, 34e, 34e, 34f, 34g, u 58 tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Korp Regolatorju għandu rispettivament il-kompetenza sabiex:

– japprova abbozz ta’ pjan ta’ limitazzjoni tal-operat tal-linji tal-ferrovija nazzjonali, reġjonali u tal-binarji tal-ferrovija aċċessibbli għall-pubbliku (Artikolu 23c);

– jieħu deċiżjoni dwar il-konklużjoni ta’ kuntratt ta’ provvista ta’ servizzi (Artikolu 23d);

– jieħu deċiżjoni fir-rigward tat-theddid għall-bilanċ ekonomiku tat-trasport bil-ferrovija operat abbażi ta’ kuntratt għal servizzi pubbliċi (Artikolu 34d);

– jieħu deċiżjoni dwar il-konformità tad-dikjarazzjoni dwar il-linji tal-ferrovija mal-liġi (Artikolu 34e);

– jieħu deċiżjoni dwar il-konformità tal-proċess ta’ allokazzjoni tal-kapaċitajiet (inklużi l-ftehimiet qafas) mal-liġi (Artikolu 34f);

– jeżamina l-konformità ta’ kuntratt ta’ operat tas-servizz ferrovjarju mal-liġi (Artikolu 34g), u

– jirrimedja għall-insuffiċjenzi tas-sorveljanza tal-Istat (Artikolu 58).

17 Meta jagħti deċiżjoni skont l-Artikoli 34e, 34f u 34g tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Korp Regolatorju jista’ jiddeċiedi fuq talba jew *ex officio*. Għall-kuntrarju, fil-każijiet previsti fl-Artikoli 23c, 23d u 34d ta’ din il-liġi, huwa jista jiddeċiedi biss fuq talba. Fil-proċeduri previsti fl-Artikolu 58 tal-imsemmija liġi, il-Korp Regolatorju għandu jiddeċiedi biss *ex officio*. Barra minn hekk, il-proċeduri kollha *ex officio* jistgħu jinbdew abbażi ta’ lment skont l-Artikolu 42 tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva.

18 Id-deċiżjonijiet adottati mill-Korp Regolatorju jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju. Mir-regoli tat-tqassim tal-kompetenzi li jinsabu, b’mod partikolari, fil-Parti Ħamsa, bit-titolu “Proċedura fil-kawżi deċiżi minn awtorità oħra”, taż-zákon č. 99/1963 Sb., občanský soudní řád

(il-Liġi Nru 99/1963 li Tistabbilixxi Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-Proċedura Ċivili”) u fl-Artikolu 46 taż-zákon č. 150/2002 Sb., soudní řád správní (il-Liġi Nru 150/2002 li Tistabbilixxi l-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva, iktar ’il quddiem il-“Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva”), jirriżulta li l-kawżi li min-natura tagħhom jaqgħu taħt id-dritt privat għandhom jitressqu quddiem il-qrati ċivili, filwaqt li l-qrati amministrattivi għandhom jiddeċiedu dwar il-kawżi relatati mad-dritt pubbliku.

19 L-Artikolu 250c(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprevedi li l-qrati ċivili għandhom jippermettu lill-Korp Regolatorju “jissottometti bil-miktub l-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-talba”.

20 B’mod partikolari fil-proċeduri li jwasslu għall-adozzjoni ta’ deċiżjoni skont l-Artikolu 34e(1) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Korp Regolatorju għandu japplika, minbarra l-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, iż-zákon č. 250/2016 Sb., o odpovědnosti za přestupky a řízení o nich (il-Liġi Nru 250/2016 dwar ir-Responsabbiltà għal Ksur u l-Proċeduri Relatati). Skont l-Artikolu 78(1) ta’ din il-liġi, “il-[Korp Regolatorju] għandu jibda proċeduri fir-rigward ta’ kull ksur li huwa jiskopri u għandu jaġixxi skont proċedura *ex officio*”.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

21 Správa železnic huwa korp pubbliku mwaqqaf mil-liġi. Bħala ġestjonarju tal-infrastruttura u operatur ta’ faċilitajiet ta’ servizz, dan il-korp huwa responsabbli għall-ġestjoni, fir-Repubblika Ċeka, ta’ network ferrovjarju kif ukoll tal-faċilitajiet ta’ servizz relatati.

22 Správa železnic stabbilixxa u ppubblika dikjarazzjoni dwar in-network fis-sens tal-punt 26 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34, li tindika, b’mod partikolari, il-kundizzjonijiet li għalihom kien suġġett l-aċċess għal ċerti faċilitajiet mill-1 ta’ April 2020.

23 CityRail, impriża ferrovjarja, ikkontestat dawn il-kundizzjonijiet, abbażi tal-Artikolu 34e tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, quddiem il-Korp Regolatorju, fil-kapaċità tiegħu ta’ korp regolatorju nazzjonali tas-settur ferrovjarju, minħabba li dawn imorru kontra r-regoli previsti mid-Direttiva 2012/34.

24 Il-Korp Regolatorju għandu dubji dwar il-konformità ta’ dawn il-kundizzjonijiet mad-Direttiva 2012/34 kif ukoll dwar il-konformità tad-dritt nazzjonali applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali ma’ din l-istess direttiva.

25 B’mod partikolari, l-ewwel, il-Korp Regolatorju għandu dubji dwar il-klassifikazzjoni tal-postijiet tat-tagħbija u tal-ħatt, inklużi l-binarji li jmissu magħhom, bħala faċilitajiet ta’ servizz, fis-sens tal-punt 11 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34. Skont il-Korp Regolatorju, dawn il-postijiet għandhom iktar jitqiesu li jaqgħu taħt l-infrastruttura ferrovjarja fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva. It-tieni, il-Korp Regolatorju jqis li din l-istess direttiva tista’ tipprekludi li ġestjonarju tal-infrastruttura jew operatur ta’ faċilitajiet ta’ servizz jemenda, fi kwalunkwe mument, l-ammont tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jew tal-faċilitajiet ta’ servizz. It-tielet, tqum il-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/34 jistgħux jiġu invokati mill-impriżi ferrovjarji kontra Správa železnic. Ir-raba’, il-Korp Regolatorju jfittex li jkun jaf jekk il-kundizzjonijiet għall-aċċess inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-network stabbilita minn Správa železnic jistgħux jiġu kklassifikati bħala diskriminatorji, inkwantu dawn imorru kontra r-rekwiżiti ta’ din id-direttiva.

26 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Korp Regolatorju ddeċieda li jissospendi l-proċeduri quddiemu u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-post tat-tagħbija u tal-ħatt għat-trasport ta' merkanzija, inklużi l-binarji relatati, jikkostitwixxi parti mill-infrastruttura ferrovjarja fis-sens tal-[punt 3 tal-]Artikolu 3[…] tad-Direttiva [2012/34]?

2) Huwa konformi mad-Direttiva 2012/34 li l-ġestjonarju tal-infrastruttura jista' f'kull mument jemenda, għad-detriment tat-trasportaturi, l-ammont tat-tariffi għall-użu tal-infrastruttura ferrovjarja jew ta' faċilitajiet ta' servizz?

3) Id-Direttiva 2012/34 hija vinkolanti, skont l-Artikolu 288 [TFUE], għal Správa železnic […]?

4) Ir-regoli stabbiliti fid-dikjarazzjoni dwar in-network jistgħu jitqiesu li huma diskriminatorji jekk ma jkunux konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li Správa železnic hija marbuta tosserva?"

Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari

27 Fit-talba tiegħu għal deċiżjoni preliminari kif ukoll fit-tweġibiet tiegħu għat-talba għal informazzjoni li saritlu mill-Qorti tal-Ġustizzja, fis-26 ta' Ottubru 2020, il-Korp Regolatorju jindika r-raġunijiet li għalihom huwa jqis li huwa "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

28 F'dan ir-rigward, huwa jinvoka s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Westbahn Management (C-136/11, EU:C:2012:740), li minnha jirriżulta li l-korp regolatorju tas-settur ferrovjarju Awstrijak, is-Schienen-Control Kommission (it-Tribunal għall-Istħarriġ ta' Kwistjonijiet Ferrovjarji, l-Awstrija), għandu jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal" fis-sens ta' din l-istess dispożizzjoni. Peress li l-indipendenza tal-korpi regolatorji nazzjonali tirriżulta direttament mill-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34, il-prinċipji ta' ugwaljanza tal-Istati Membri u ta' nondiskriminazzjoni jeżiġu li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi din l-istess kwalità lill-Korp Regolatorju.

29 Barra minn hekk, il-Korp Regolatorju jfakkar li minn ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, murija b'mod partikolari fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Westbahn Management (C-136/11, EU:C:2012:740), jirriżulta li, sabiex jiġi ddeterminat jekk korp huwiex "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi, bħall-oriġini legali tal-korp inkwistjoni, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura, l-applikazzjoni, minn dan il-korp, tad-dispożizzjonijiet legali kif ukoll l-indipendenza tiegħu.

30 Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-Korp Regolatorju jirrileva li huwa twaqqaf mil-leġiżlatur nazzjonali bħala awtorità amministrattiva ċentrali. Mil-Liġi dwar il-Korp Regolatorju jirriżulta wkoll li dan tal-aħħar huwa indipendenti fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu, li huwa jaġixxi b'mod imparzjali u li huwa suġġett biss għal-liġijiet u għal dispożizzjonijiet legali oħra. B'mod partikolari, l-atti tiegħu ma humiex mistħarrġa minn awtoritajiet oħra li jaqgħu taħt is-setgħa eżekuttiva.

31 L-indipendenza tal-President tal-Korp Regolatorju hija wkoll iggarantita B'mod partikolari, il-Liġi dwar il-Korp Regolatorju tipprevedi li l-President tiegħu jista' jitkeċċa mill-Gvern taħt ċerti kundizzjonijiet preċiżi biss elenkati f'din il-liġi u li huwa għandu dritt ta' appell kontra d-deċiżjonijiet ta' tkeċċija.

32 Peress li r-raġunijiet għat-tkeċċija tal-President tal-Korp Regolatorju huma stabbiliti mil-liġi, is-sitwazzjoni ta' dan tal-aħħar ma hijiex paragunabbli ma' dik tal-President tal-Úřad průmyslového vlastnictví (l-Uffiċċju tal-Proprjetà Industrijali, ir-Repubblika Ċeka), li l-indipendenza tiegħu ġiet ikkontestata mill-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tagħha tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7 (C-49/13, EU:C:2013:767). Barra minn hekk, kuntrarjament għall-membri tal-persunal ta' dan il-korp tal-aħħar, dawk tal-Korp Regolatorju ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal adottati mill-Viċi Ministru tas-Servizz Pubbliku.

33 Fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċedura quddiem il-Korp Regolatorju, din hija rregolata mill-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, fatt li jiggarantixxi lill-partijiet l-osservanza tal-kontradittorju.

34 Meta jiddeċiedi skont l-Artikoli 34e, 34f u 34 g tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Korp Regolatorju għandu jiddeċiedi fuq talba jew *ex officio*. Madankollu, fil-każijiet previsti fl-Artikoli 23c, 23d u 34d tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-proċeduri jistgħu jinbdew biss fuq talba.

35 Barra minn hekk, il-Korp Regolatorju għandu s-setgħa li jinvestiga u li jressaq proċeduri, fuq inizjattiva tiegħu stess, kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni rilevanti fil-kuntest ta' proċedura partikolari, li tippermettilu jimponi multi. L-irregolaritajiet li huwa jiskopri matul proċedura amministrattiva jistgħu jagħtu lok għal proċedura ta' ksur.

36 Id-deċiżjonijiet adottati mill-Korp Regolatorju għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-interess pubbliku u huma vinkolanti.

37 Il-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva jipprevedi li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu eżaminati mill-ġdid fil-kuntest ta' proċedura ta' tressiq ta' lment. Meta tali lment jitressaq, huwa l-President tal-Korp Regolatorju li għandu jieħu deċiżjoni dwar tali lment.

38 Skont l-Artikolu 56(10) tad-Direttiva 2012/34, id-deċiżjonijiet tal-Korp Regolatorju jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju. Skont in-natura tal-proċedura mressqa quddiemu, ir-rikors jiġi ppreżentat jew quddiem il-qrati amministrattivi, jew quddiem il-qrati ċivili.

39 Fir-rigward tal-proċedura ta' stħarriġ tal-legalità tad-dikjarazzjoni dwar in-network inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħmel parti minn "dikjarazzjoni dwar il-linji tal-ferrovija", il-Korp Regolatorju jirrileva li din il-proċedura hija dik prevista fl-Artikolu 34e tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija. Din tista' tinbeda *ex officio* jew, kif kien il-każ f'din il-kawża, fuq talba ta' waħda mill-partijiet. Id-deċiżjoni li għandha tingħata tista' tkun is-suġġett ta' rikors quddiem il-qrati ċivili nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħhom, skont ir-regoli tal-proċedura ċivili u kuntrarjament għad-deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi, jissostitwixxu dawk tal-Korp Regolatorju. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn il-Korp Regolatorju jiskopri irregolaritajiet matul l-eżami tiegħu, huwa jista' jiftaħ proċedura ta' konstatazzjoni ta' ksur.

40 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, il-Gvern Ċek u dak Spanjol kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea jsostnu li l-Korp Regolatorju ma huwiex "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, li jistgħu jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari. B'mod partikolari, huma jsostnu, minn naħa, li l-Korp Regolatorju ma huwiex paragunabbli mat-Tribunal għall-Istħarriġ ta' Kwistjonijiet Ferrovjarji Awstrijak, b'tali mod li l-kunsiderazzjonijiet żviluppati mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' dak il-korp fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Westbahn Management (C-136/11, EU:C:2012:740) ma jistgħux jiġu trasposti għas-sitwazzjoni tal-Korp Regolatorju u, min-naħa l-oħra, li dan tal-aħħar jeżerċita funzjonijiet ta' natura amministrattiva.

41 Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-korp tar-rinviju inkwistjoni huwiex "qorti jew tribunal" skont l-Artikolu 267 TFUE, kwistjoni li taqa' biss taħt id-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tieħu inkunsiderazzjoni numru ta' fatturi, bħall-oriġini legali ta' dan il-korp, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorju tal-ġurisdizzjoni tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura, l-applikazzjoni, mill-imsemmi korp, tad-dispożizzjonijiet legali kif ukoll l-indipendenza tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels, 61/65, EU:C:1966:39, punt 395, u tad-29 ta' Marzu 2022, Getin Noble Bank, C-132/20, EU:C:2022:235, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata).

42 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-qrati nazzjonali jistgħu jadixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja biss jekk ikun hemm tilwima pendenti quddiemhom u jekk huma jintalbu jagħtu sentenza fil-kuntest ta' proċedura intiża li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja (digriet tas-26 ta' Novembru 1999, ANAS, C-192/98, EU:C:1999:589, punt 21, u sentenzi tal-31 ta' Jannar 2013, Belov, C-394/11, EU:C:2013:48, punt 39, kif ukoll tas-6 ta' Ottubru 2021, W.Ż. (Awla ta' stħarriġ straordinarju u affarijiet pubbliċi tal-Qorti Suprema - Ħatra), C-487/19, EU:C:2021:798, punt 84 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Għaldaqstant, il-kwistjoni dwar jekk korp jistax jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi ddeterminata abbażi ta' kriterji kemm strutturali kif ukoll funzjonali. F'dan ir-rigward, korp nazzjonali jista' jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, meta huwa jeżerċita funzjonijiet ġudizzjarji, filwaqt li, fl-eżerċizzju ta' funzjonijiet oħra, b'mod partikolari ta' natura amministrattiva, din il-klassifikazzjoni ma tistax tiġi rrikonoxxuta fir-rigward tiegħu (digriet tas-26 ta' Novembru 1999, ANAS, C-192/98, EU:C:1999:589, punt 22, u sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov, C-394/11, EU:C:2013:48, punt 40).

44 Minn dan jirriżulta li, sabiex jiġi stabbilit jekk korp nazzjonali, li lilu l-liġi tikkonferixxi funzjonijiet ta' natura differenti, għandux jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, huwa neċessarju li tiġi vverifikata n-natura speċifika tal-funzjonijiet li huwa jeżerċita fil-kuntest legali speċifiku li fih huwa jintalab jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja (digriet tas-26 ta' Novembru 1999, ANAS, C-192/98, EU:C:1999:589, punt 23, u sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov, C-394/11, EU:C:2013:48, punt 41).

45 Din il-verifika hija ta' importanza partikolari fil-każ ta' awtoritajiet amministrattivi li l-indipendenza tagħhom tkun konsegwenza diretta tar-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni li jagħtihom kompetenzi ta' superviżjoni settorjali u ta' sorveljanza tas-swieq. Minkejja li dawn l-awtoritajiet jistgħu jissodisfaw il-kriterji elenkati fil-punt 41 ta' din is-sentenza, li jirriżultaw mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels (61/65, EU:C:1966:39), l-attività ta' sorveljanza settorjali u ta' sorveljanza tas-swieq hija, essenzjalment, ta' natura amministrattiva

(ara, b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1998, Victoria Film, C-134/97, EU:C:1998:535, punt 15), inkwantu din timplika l-eżerċizzju ta' kompetenzi li jkunu estranji għal dawk attribwiti lill-qrati.

46 Għaldaqstant, il-Korp Regolatorju ma jistax isostni li, peress li huwa jissodisfa l-imsemmija kriterji, b'mod partikolari dak relatat mal-indipendenza, huwa għandu neċessarjament jiġi kklassifikat bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Fil-fatt, tali interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tkun tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, imfakkra fil-punti 42 sa 44 ta' din is-sentenza, li minnha jirriżulta li korp nazzjonali, filwaqt li l-oriġini legali tiegħu, in-natura permanenti tiegħu, in-natura kontradittorja tal-proċedura tiegħu, l-applikazzjoni minnu tad-dispożizzjonijiet legali u l-indipendenza tiegħu ma jkunux fid-dubju, ikun jista' jadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'talba għal deċiżjoni preliminari biss jekk, fil-kuntest tal-kawża pendenti quddiemu, huwa jeżerċita funzjonijiet ta' natura ġudizzjarja.

47 Issa, fis-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, Westbahn Management (C-136/11, EU:C:2012:740), invokata mill-Korp Regolatorju, il-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal għall-Istħarriġ ta' Kwistjonijiet Ferrovjarji Awstrijak, eżaminat biss il-kriterji li jirriżultaw mis-sentenza tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels (61/65, EU:C:1966:39), u b'hekk naqset milli teżamina jekk dan il-korp kienx jeżerċita, fil-kuntest tal-proċedura li tat lok għal dik it-talba, funzjonijiet ta' natura ġudizzjarja.

48 F'dan ir-rigward, is-setgħa tal-korp li jressaq proċeduri *ex officio* (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Jannar 2013, Belov, C-394/11, EU:C:2013:48, punt 47, u d-digriet tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7, C-49/13, EU:C:2013:767, punt 18) kif ukoll dik li jimponi, ukoll *ex officio*, sanzjonijiet fl-oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2020, Anesco *et*, C-462/19, EU:C:2020:715, punt 44) jikkostitwixxu indizji tal-fatt li l-korp inkwistjoni ma jeżerċitax funzjonijiet ġudizzjarji iżda jeżerċita funzjonijiet amministrattivi.

49 Barra minn hekk, il-kwistjoni dwar jekk il-proċedura li tat lok għal talba għal deċiżjoni preliminari tressqitx fuq l-inizjattiva ta' persuna kkonċernata ma hijiex ta' importanza deċiżiva. Fil-fatt, il-fatt li korp jista' jressaq proċedura speċifika fuq talba, minkejja li dan il-korp jista' wkoll, fi kwalunkwe każ, jeżerċita *ex officio* l-kompetenza relatata, ma huwiex ta' natura li jikkontesta n-natura amministrattiva ta' din il-kompetenza.

50 Ir-rwol u l-pożizzjoni ta' korp fl-ordinament ġuridiku nazzjonali huma wkoll rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tan-natura tal-funzjonijiet tiegħu.

51 Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikat bħala "amministrattiva" l-attività tal-korpi li l-funzjoni tagħhom ma tkunx li jistħarrġu l-legalità ta' deċiżjoni, iżda li jieħdu pożizzjoni, għall-ewwel darba, fuq l-ilment ta' persuna li tista' tkun suġġetta għal miżuri amministrattivi u li d-deċiżjonijiet tagħhom jistgħu jkunu suġġetti għal azzjoni ġudizzjarja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Novembru 1998, Victoria Film, C-134/97, EU:C:1998:535, punti 16 u 18; id-digrieti tal-24 ta' Marzu 2011, Bengtsson, C-344/09, EU:C:2011:174, punti 22 u 23; tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7, C-49/13, EU:C:2013:767, punti 19 u 21; u s-sentenza tas-16 ta' Settembru 2020, Anesco *et*, C-462/19, EU:C:2020:715, punt 49).

52 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ripetutament li l-kunċett ta' "qorti", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, jista', essenzjalment, ikopri biss awtorità li taġixxi bħala terz fir-rigward ta' dik li tkun adottat id-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors (sentenzi tat-30 ta' Marzu 1993,

Corbiau, C-24/92, EU:C:1993:118, punt 15; tat-30 ta' Mejju 2002, Schmid, C-516/99, EU:C:2002:313, punt 36; u tas-16 ta' Settembru 2020, Anesco *et*, C-462/19, EU:C:2020:715, punt 37).

53 F'dan il-każ, għandhom qabelxejn jiġu eżaminati, essenzjalment, in-natura u l-funzjoni ta' korp regolatorju, bħall-Korp Regolatorju, fis-sistema ta' ġestjoni u ta' regolament tal-attivitajiet ferrovjarji stabbilita mid-Direttiva 2012/34. Fil-fatt, l-Artikoli 55 u 56 ta' din tal-aħħar jipprevedu l-eżistenza, fl-Istati Membri kollha, ta' korpi regolatorji nazzjonali tas-settur ferrovjarju, jistabbilixxu l-prinċipji tal-organizzazzjoni tagħhom, u jiddeterminaw il-kompetenzi li dawn għandhom jingħataw.

54 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 55(1) tal-imsemmija direttiva jirriżulta li l-korp regolatorju huwa awtorità indipendenti, ġuridikament distinta u indipendenti f'termini organizzattivi, funzjonali, ġerarkiċi u deċiżjonali minn kull entità pubblika jew privata oħra.

55 Fir-rigward tal-kompetenzi ta' dan il-korp, mill-Artikolu 56(1), (2), (6) u (9) tad-Direttiva 2012/34 jirriżulta li huwa għandu jiddeċiedi mhux biss fuq appell, iżda jista' wkoll jaġixxi *ex officio*.

56 F'dan l-aħħar rigward, huwa għandu "jissorvelja s-sitwazzjoni kompetittiva fis-swieq tas-servizzi ferrovjarji" u għandu jistħarreġ, f'dan il-kuntest, id-deċiżjonijiet meħuda mill-atturi tas-settur ferrovjarju, b'mod partikolari fid-dawl tad-diversi fatturi elenkati fl-Artikolu 56(1) tad-Direttiva 2012/34. Barra minn hekk, l-imsemmi korp għandu jiżgura, b'mod partikolari, li t-tariffi tal-infrastruttura ma jkunux diskriminatorji u għandu jintervjeni fin-negozjati bejn l-"applikanti", fis-sens tal-punt 19 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, jiġifieri, b'mod partikolari, l-impriżi ferrovjarji, u ġestjonarju tal-infrastruttura fir-rigward tal-livell ta' dawn it-tariffi sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni applikabbli. Fl-aħħar huwa għandu jieħu, fuq l-inizjattiva tiegħu stess, il-miżuri xierqa sabiex tiġi rrettifikata kull diskriminazzjoni fir-rigward tal-applikanti, kull distorsjoni tas-swieq, u kull żvilupp ieħor mhux mixtieq f'dawn is-swieq.

57 Għalhekk, is-setgħa tal-korp regolatorju li jissorvelja l-applikazzjoni tar-regoli stabbiliti minn din id-direttiva ma hijiex suġġetta għat-tressiq ta' lment jew għall-preżentata ta' appell u tista' għalhekk tiġi eżerċitata *ex officio* (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, LatRailNet u Latvijas dzelzceļš, C-144/20, EU:C:2021:717, punt 37).

58 Barra minn hekk, għall-finijiet tal-attivitajiet ta' sorveljanza tiegħu, il-korp regolatorju għandu jkollu, skont l-Artikolu 56(8) tad-Direttiva 2012/34, setgħat investigattivi sabiex jiġbor kull informazzjoni neċessarja. Huwa jista' jinforza t-talbiet tiegħu għal informazzjoni b'sanzjonijiet xierqa.

59 Bl-istess mod, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 56(9) ta' din id-direttiva, dan il-korp jista' jinforza d-deċiżjonijiet li huwa jadotta b'sanzjonijiet xierqa, inklużi multi.

60 B'hekk mill-Artikoli 55 u 56 tad-Direttiva 2012/34, moqrija fid-dawl tal-premessa 76 tagħha, jirriżulta li l-ġestjoni effikaċi u l-użu ekwu u nondiskriminatorju tal-infrastruttura ferrovjarja, previsti minn din id-direttiva, jeżiġu t-twaqqif ta' awtorità inkarigata, fl-istess ħin, li tissorvelja, fuq inizjattiva tagħha stess, l-applikazzjoni mwettqa mill-atturi tas-settur ferrovjarju tar-regoli previsti mill-imsemmija direttiva u li taġixxi bħala korp ta' appell.

61 Din l-akkumulazzjoni ta' funzjonijiet timplika li, meta korp regolatorju mwaqqaf b'applikazzjoni tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2012/34 jiġi adit b'appell, dan il-fatt ikun bla ħsara għall-kompetenza ta' dan l-istess korp li jieħu, jekk ikun meħtieġ *ex officio*, miżuri xierqa sabiex jiġi rrimedjat kull ksur tal-leġiżlazzjoni applikabbli u li jinforza d-deċiżjonijiet tiegħu, jekk huwa jqis neċessarju, b'sanzjonijiet, fatt li jikkonferma n-natura amministrattiva tal-funzjonijiet tiegħu.

62 Barra minn hekk, l-Artikolu 56(10) tad-Direttiva 2012/34 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet meħuda mill-korp regolatorju jkunu jistgħu jkunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, fatt li, hekk kif ġie enfasizzat fil-punt 51 ta' din is-sentenza, huwa indikattiv tan-natura amministrattiva ta' tali deċiżjonijiet (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Novembru 2013, MF 7, C-49/13, EU:C:2013:767, punt 19).

63 Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandu sussegwentement jiġi eżaminat jekk, minkejja, bħala prinċipju, in-natura amministrattiva ta' korp regolatorju bħall-Korp Regolatorju, dan tal-aħħar għandux jitqies, fil-kuntest speċifiku tal-funzjonijiet li huwa jeżerċita fil-kuntest tal-kawża prinċipali, bħala "qorti jew tribunal", fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE.

64 F'dan ir-rigward, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mit-tweġibiet mogħtija mill-Korp Regolatorju għat-talba għal informazzjoni li saritlu mill-Qorti tal-Ġustizzja, li jirreferu għal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija u għall-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva, jirriżulta li, fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu, bl-eċċezzjoni tal-proċeduri previsti fl-Artikoli 23c, 23d u 34d tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija li jistgħu jiġu implimentati biss "fuq talba", il-Korp Regolatorju jiddeċiedi kemm "fuq talba" ta' applikant kif ukoll *ex officio*. Għalhekk, l-Artikolu 34e(1) tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija jipprevedi espressament li l-proċedura li huwa jistabbilixxi tista' tinbeda *ex officio* jew "fuq talba" ta' applikant.

65 Il-proċedura fil-kawża prinċipali, li tressqet minn applikanta, CityRail, abbażi ta' dan l-Artikolu 34e(1), hija intiża li tistħarreġ il-konformità ta' dikjarazzjoni dwar in-network li tagħmel parti minn "dikjarazzjoni dwar il-linji tal-ferrovija" mal-imsemmija liġi. Skont il-Korp Regolatorju, din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi t-traspożizzjoni tal-Artikolu 56(1)(a) tad-Direttiva 2012/34. Huwa fil-kuntest ta' din il-proċedura li l-Korp Regolatorju huwa mitlub jiddeċiedi dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal ċerti faċilitajiet operati minn Správa železnic inklużi fid-dikjarazzjoni dwar in-network inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

66 Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Korp Regolatorju, bis-saħħa tal-Artikolu 78(1) tal-Liġi Nru 250/2016 dwar ir-Responsabbiltà għal Ksur u l-Proċeduri Relatati, il-Korp Regolatorju għandu jressaq proċeduri, fuq inizjattiva tiegħu stess, kontra l-irregolaritajiet li huwa jiskopri matul proċedura amministrattiva, bħal dik prevista fl-Artikolu 34e tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija. Jekk ikun il-każ, huwa għandu jibda proċedura separata għall-konstatazzjoni ta' ksur.

67 Issa, hekk kif ġie rrilevat fil-punti 48 u 49 ta' din is-sentenza, is-setgħa tal-Korp Regolatorju li jressaq anki *ex officio* l-proċedura li tkun tat lok għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari, bħas-setgħa tiegħu li jinvestiga irregolaritajiet skoperti matul din il-proċedura fuq inizjattiva tiegħu stess, huma indizji partikolarment rilevanti ta' natura li jsostnu l-konstatazzjoni li dan il-korp, fil-kawża prinċipali, ma jeżerċitax funzjonijiet ġudizzjarji iżda amministrattivi.

68 Barra minn hekk, mill-informazzjoni pprovduta mill-Korp Regolatorju jirriżulta wkoll li d-deċiżjonijiet ta' dan il-korp jistgħu jkunu suġġetti għal azzjoni ġudizzjarja. Meta, skont ir-regoli tat-tqassim tal-kompetenzi li jirriżultaw mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u mill-Kodiċi tal-Ġustizzja Amministrattiva, il-qrati amministrattivi jkollhom ġurisdizzjoni sabiex jieħdu

konjizzjoni ta' rikors kontra deċiżjoni tal-Korp Regolatorju, dan tal-aħħar ikollu l-istatus ta' konvenut. Barra minn hekk, mill-Artikolu 250c(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jirriżulta li, quddiem il-qrati ċivili, li, skont il-Korp Regolatorju, għandhom b'mod partikolari ġurisdizzjoni sabiex jieħdu konjizzjoni ta' rikorsi kontra d-deċiżjonijiet adottati fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 34e tal-Liġi dwar il-Linji tal-Ferrovija, il-Korp Regolatorju għandu d-dritt jippreżenta osservazzjonijiet, mingħajr ma jkun parti fil-proċedura.

69 Issa, tali parteċipazzjoni tal-Korp Regolatorju fi proċedura għat-tressiq ta' kawża, li tikkontesta d-deċiżjoni tiegħu stess, tikkostitwixxi indizju tal-fatt li, meta huwa jadotta tali deċiżjoni, il-Korp Regolatorju ma jkollux il-kwalità ta' terz fir-rigward tal-interessi preżenti, fis-sens imfakkar fil-punt 52 ta' din is-sentenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC, C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-24 ta' Mejju 2016, MT Højgaard und Züblin, C-396/14, EU:C:2016:347, punt 25).

70 L-analiżi mwettqa iktar 'il fuq hija bla ħsara għall-fatt li, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 43 ta' din is-sentenza, korp li jeżerċita funzjonijiet kemm ta' natura amministrattiva kif ukoll ta' natura ġudizzjarja u li jissodisfa l-kriterji strutturali msemmija fil-punt 41 ta' din is-sentenza jista' jitqies li huwa "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE meta l-funzjonijiet ta' natura ġudizzjarja li huwa jeżerċita jkunu oġġettivament u strettament separati mill-funzjonijiet tiegħu ta' natura amministrattiva. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta ċerti proċeduri jkunu jistgħu jitressqu quddiem dan il-korp biss fuq appell u mhux *ex officio* u meta l-imsemmi korp ma jkunx jista' jkun konvenut fil-kuntest ta' azzjoni ġudizzjarja kontra d-deċiżjonijiet li huwa jieħu fi tmiem dawn il-proċeduri.

71 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-elementi indikati fil-punti 64 sa 69 ta' din is-sentenza, il-Korp Regolatorju, fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali, ma jeżerċitax funzjonijiet ta' natura ġudizzjarja iżda ta' natura amministrattiva. Għaldaqstant huwa ma jistax jitqies li huwa "qorti jew tribunal" fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE, b'tali mod li t-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minnu hija inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

72 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-korp tar-rinviju, huwa dak il-korp li jiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Úřad pro přístup k dopravní infrastruktuře (il-Korp Regolatorju tal-Aċċess għall-Infrastruttura tat-Trasport, ir-Repubblika Ċeka) hija inammissibbli.

Firem